MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014
Talba Numru. 472/2013

**Bank of Valletta plc (C-2833)**
**Vs**
**Gregory Charles Freeman (K.I. 132607L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disa' mija u tlieta u disghin ewro u ghaxar centezmi (€993.10), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta plc (Dok. "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Gunju 2013, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 t'April, 2012 (Dok 'B'), u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment; illi nterpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba; illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-ligi hawn anness u mmarkat Dok 'C'.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-13 ta' Jannar, 2014 mill-Avukat Dott. Dominic A. Cassar u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disa’ mija u tlieta u disghin ewro u ghaxar centezmi (€993.10) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali u dan skont il-ligi u skont kif mitluba fit-talba kontenenti fl-Avviz tal-bank attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------